MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Numru. 403/2004

Il-Pulizija
(Spettur Ian J Abdilla)
vs
Keith Pace

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija kontra l-imputat hawn fuq imsemmi li permezz taghhom huwa gie akkuzat:

1. Talli nhar il-Hadd 16 ta’ Mejju 2004, gewwa l-Birgu
a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija jew, xjentement ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew
b. ghamel uzu, xjentement ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema, li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej

dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew
c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa bil-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;
u cioe' 116 il-compact disks, konsistenti f'loghob tal-Playstation, CD's tal-musika, u DVD films. (dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 (1) (a), (c) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data u lok, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca, jew ikkopja, jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh, jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha; (dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. U aktar talli, fl-istess data u lok, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tas-Surgent 494 Gordon Borg, persuna inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li ibezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. (dan bi ksur ta' l-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. U aktar talli, fl-istess data u lok, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offenda il-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

U b'hekk hu, Keith Pace, sar recidiv a termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti;

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda li gew prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet lill-imputat fuq imsemmi jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dan wara li huwa nghata zmien xieraq sabiex jikkunsidra l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Taqta’ u tiddeciedi billi, fuq ammissjoni ta’ l-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu issibu hati taghhom u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 298 (1) (a), (c) u (f), 298 (B), 95, 338 (bb) u 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannah ihallas multa ta’ LM250 (mitejn u hamsin liri Maltin).

Il-Qorti qeghda wkoll tordna il-konfiska u d-distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha esebiti fis-seduta tal-21 ta’ Ottubru, 2004 u mmarkati bhala Dok IA4.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------